MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2005

Numru 495/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR THERESE SCIBERRAS**

**VS**

**RAYMOND ZAMMIT**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Raymond Zammit ta' 47 sena, imwieled il-Marsa nhar is-6 ta' Lulju, 1957, bin George u Gaetana nee' Zammit, residenti fil-fond F/4, St John, Naxxar Road, Birkirkara, detentur tal-karta tal-identita' numru 0491157 (M) ;

Akkuzat talli, nhar it-22 ta' April, 2005, f'dawn il-Gzejjer u cioe' fl-ghassa tal-Pulizija ta' Birkirkara, iddenunzja lill-pulizija esekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq

holoq tracci ta’ reat b’mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata wara li l-Qorti tat zmien skond il-Ligi lill-imputat.

Rat l-Artikoli 118 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u 3 tal-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati u tilliberah bil-kundizzjoni ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------